# ĊIRKULARI

**Data:** 14 ta' Diċembru 2020 **Ref.:** DES 33/2020

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji Kollha

**Mingħand:** Id-Direttur Ġenerali għal Servizzi Edukattivi

**Suġġett:** Applikazzjonijiet għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport (Year 7)

---

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

L-Iskola Nazzjonali tal-Isport ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom kif ukoll jitħarrġu f'xi dixxiplina sportiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2010**, li se jtemmu b'suċċess is-sitt sena tagħhom fl-iskola Primarja u li huma meqjusa b'talent prominenti ħafna fid-dixxiplina sportiva tagħhom mill-*coaches* rispettivi fi ħdan l-Assoċjazzjoni Sportiva Nazzjonali tagħhom. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

Ser issir laqgħa għall-ġenituri/kustodji nhar:

**Data:** **Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2020**

**Post:** **MS Teams Online Meeting**
https://teams.microsoft.com/l/meetup-join/19%3ameeting_ZDg4NDI3MDctYzg0Ni00MzBmLWE4NDktNjhiYmUzZGU2YWE4%40thread.v2/0?context=%7b%22Tid%22%3a%2241af783b-5243-4c28-b7a4-672c0b9eded2%22%2c%22Oid%22%3a%222b1160ec-0f52-4d93-b21e-2ce7d3719337%22%7d

**Hin:** **09:30 ta' filgħodu**

fejn ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar it-Tnejn, 1 ta' Marzu, 2021** u jkunu jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex. Mil-4 ta' Jannar li ġej, l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu aċċessibbli fuq il-websajt *www.education.gov.mt* jew il-websajt tal-



t + 356 2598 2404 e dg.des.educ@gov.mt | www.education.gov.mt

iskola http://nss.skola.edu.mt/.

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2021** fis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.

**Maria McNamara**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**